MALTA

QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Numru 299/2005

A.

-vs-

B.

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-7 ta’ Settembru, 2005 li permezz tagħha l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta’ sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Familja (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta’ Frar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet “B vs kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil A li tinsab assenti minn dawn il-gżejjer” (Ċitazzjoni Numru ***/2003 RCP), dina l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn premess u

deċiż, u filwaqt li ċaħdet it-tielet u s-seba' talba attriċi, laqgħet it-talbiet l-oħra kollha biss fis-sens illi:

(1) Iddikjarat u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta assenti konsistenti f'sevizzi, moħqrija, u eċċessi, li jinkludu wkoll abbandun tal-familja b'effett minn Awwissu 2002 u kawża ta' l-istess iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

(2) Laqgħet it-tieni talba u awtorizzat lill-attur jgħix separat mill-konvenuta assenti;

(3) Ċaħdet it-tielet talba *stante* li ma huwiex il-każ li jiġi likwidat manteniment favur l-attur għar-raġunijiet fuq indikati f'din is-sentenza;

(4) Iddikjarat li l-konvenuta *nomine* iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob li tipperċepixxi manteniment mingħand l-attur u dan anke b'applikazzjoni ta' l-Artiklu 48 tal-Kapitlu 16, b'dan li għall-fini ta' l-Artiklu 48 (1)(c) qed tiġi stabbilita d-data ta' Awwissu 2002 bħala d-data meta l-konvenuta assenti tat lok għall-firda;

(5) Applikat kontra l-konvenuta assenti l-effetti *in toto* ta' l-Artiklu 48 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta inkluża l-komminazzjoni li tilef kull dritt li tiret mill-attur;

(6) Laqgħet din it-talba u ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'mod segwenti b'dan illi: - (a) assenjat lill-attur il-fond, Toyota, id-dgħajsa *speedboat* "Easy Rider", u d-depositu bankarju f'isem l-attur fil-Common Wealth Bank, Australia (għaliex qed jiġi ddikjarat li dan infetaħ fl-4 ta' Jannar, 2002), nofs id-depositi bankarji fil-kont f'isem iż-żewġ partijiet mal-Common Wealth Bank, Australia, , u nofs l-ammont li fadal mill-*joint account* mal-Bank of Valletta plc, kont, l-għamara u għoddod ġod-dar; (b) assenjat lill-konvenuta assenti l-fond ta' l-Awstralja bl-oġġetti kollha ta' ġo fih inkluż kull dritt ta' ħlas ta' kera minn terzi fuq l-istess, liema dritt ta' kera mid-data ta' din is-sentenza jibqa' jappartjeni biss lill-konvenuta assenti. Qed jiġi assenjat ukoll lill-konvenuta

assenti nofs id-depositi bankarji fil-kont f'isem iż-żewġ partijiet tal-Common Wealth Bank, Awstralja, u nofs l-ammont li fadal mill-*joint account* mal-Bank of Valletta plc. Illi ġie ddikjarat li mill-provi prodotti garaxx ġewwa, Malta u karozza Triumph, senter u l-ammont ta' tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) huma parafernali għall-attur u jinsabu *gia'* fil-pussess tiegħu. Illi l-attur għandu fl-aħħar nett jibqa' jirċievi d-*disability pension* li huwa ntitolat għalihom kemm Malta u kemm ta' l-Awstralja, b'dan li b'effett mid-data ta' din is-sentenza kull kirja dovuta fuq il-proprjeta' fl-Awstralja fuq deskritta tappartjeni esklussivament lill-konvenuta assenti u għandha tiġi perċepita biss minnha bħala proprjetarja assoluta ta' l-istess immobbli b'effett mid-data ta' din is-sentenza;

(7) ċaħdet din it-talba *stante* li ma ġiex ippruvat li l-konvenuta għandha fil-pussess tagħha xi assi appartenenti lill-attur;

(8) awtorizzat lill-attur sabiex jgħix u jabita fid-dar matrimonjali, bil-garaxx miegħu, ad esklużjoni tal-konvenuta, dan li qed jiġi konfermat li b'effett ta' din is-sentenza l-istess konvenuta m'għandha l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess fond. L-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta assenti b'dan li l-kuraturi deputati għandhom jitħallsu skond il-liġi (Dok. "A").

U illi l-attriċi ġiet Malta fit-3 ta' Ġunju, 2005 u ġimgħa wara saret taf b'din is-sentenza;

U illi l-attriċi saret taf b'din is-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2005 u bl-eżistenza ta' dawn il-proċeduri, fiż-żmien wara li skada t-terminu legali sabiex jiġi ntavolat appell mill-istess sentenza li konsegwentement ġiet reża *res judicata*;

U illi l-attriċi ħasset ruħha aggravata mill-kapi kollha tas-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2005 mogħtija fl-għeluq tal-kawża hawn fuq ċitata, u għandha interess illi titlob illi l-istess kawża tiġi ritrattata wara li qabel xejn tiġi mħassra s-sentenza sħiħa ta' l-24 ta' Frar, 2005 billi l-istess sentenza ttieħdet bil-qerq tal-konvenut u fuq provi foloz li

ġew imressqa mill-konvenut fil-kors tal-proċeduri li wasslu għal dik is-sentenza;

U illi l-fatti li minnhom tirriżulta kull waħda mir-raġunijiet illi a bażi tagħhom qegħda tintalab din ir-ritrattazzjoni huma s-segwenti:

(1) il-konvenut ma użax il-proċeduri kollha disponibbli għalih sabiex jinnotifika membri tal-familja ta' l-attriċi li baqgħu hawn Malta bil-proċeduri li hawn kien qiegħed jagħmel kontra l-attriċi;

(2) ma tax informazzjoni lill-kuraturi deputati sabiex huma jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' l-istess attriċi sabiex huma jkunu jistgħu jespletaw l-inkarigu tagħhom u dan meta l-istess konvenut kien jaf fejn tirrisjedi l-attriċi;

(3) qabad u nnotifika lil Dr. Claire Zammit Stafrace bħala l-persuna li għandha tiġi notifikata bil-bandi għall-fini ta' l-Artiklu 931 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili f'ċirkostanzi meta l-istess konvenut kien jaf illi din l-avukat la kienet qariba, la ħabiba u lanqas kienet taf lill-assenti attriċi.

U illi bil-mod kif adopera l-konvenut, huwa għamel minn kollox sabiex effettivament l-attriċi ma tkunx taf b'dawn il-proċeduri odjerni;

U illi għar-raġunijiet hawn fuq indikati, l-attriċi għandha kull interess illi l-kawża fl-ismijiet "B vs kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil A li tinsab assenti minn dawn il-gżejjer" (Ċitazzjoni Numru ***/2003 RCP), tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra s-sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2005 *ai termini* ta' l-Artiklu 811 (a) u (b) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili, billi l-istess sentenza ttieħdet bil-qerq tal-konvenut bi ħsara ta' l-attriċi u *oltre* li l-istess qatt ma ġiet notifikata lilha;

U illi l-konvenut b'rikors ippreżentat flimkien ma' l-istess attriċi fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ammetta li l-istess attriċi kienet intitolata li titlob

ir-ritrattazzjoni tal-każ *ai termini* ta’ l-Artiklu 811 (b) tal-Kap 12;

U illi għalhekk jeżistu raġunijiet validi u suffiċjenti sabiex tiġi annullata s-sentenza ta’ l-24 ta’ Frar, 2005.

Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li hemm raġunijiet validi fil-liġi sabiex issir ir-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet “B vs kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil A li tinsab assenti minn dawn il-gżejjer” (Ċitazzjoni Numru ***/2003 RCP), a tenur ta’ l-Artiklu 811(a) u/jew (b) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivli;

2. Tħassar konsegwentement is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivli (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta Frar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet hawn fuq premessi; u

3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawża hawn fuq ċitata a bażi tal-imsemmija artikoli 811(a) u/jew (b) tal-Kapitlu 12 u tipproċedi għas-smigħ tal-istess kawża mill-ġdid fuq il-mertu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-6 ta’ Ottubru, 2005 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni attriċi hija għal kollox perenta *stante* li l-kawża ma ġietx intavolata *entro* t-terminu ta’ dekadenza ta’ tliet xhur preskritt mil-liġi.

2. Illi fit-tieni lok, u bla preġudizzju għas-sueċċepit, m’hemmx lok għal ritrattazzjoni stante tassattivament elenkati mil-liġi fl-Artiklu 811 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Illi *di piu’* ma kien hemm assolutament

ebda frodi fil-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u *inoltre* l-konvenuta kienet ġiet debitament notifikata skond il-liġi.

3. Illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, kwalsiasi difett li seta' kien hemm, ġie definittivament issanat mill-attriċi nnifisha li obbligat ruħha li tiffirma kuntratt ta' transazzjoni flimkien mal-konvenut.

4. Illi fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi.

Rat is-sentenza tagħha tat-13 ta' April, 2007 li permezz tagħha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u ġiet ordnata l-kontinwazzjoni tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li jsir is-smigħ mill-ġdid tal-kawża imsemmija a bażi tas-subinċiżi (a) u (b) ta' l-Artiklu 811 tal-Kapitlu 12. Dawn is-sub-inċiżi jagħtu dan id-dritt rispettivament "*jekk is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq ta' waħda mill-partijiet għad-dannu ta' l-oħra*", u "*jekk iċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet notifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.*" Naturalment fiż-żmien li ġiet preżentata l-kawża li qed tiġi attakkata, il-mod kif wieħed

jipproċedi kien għadu permezz ta' ċitazzjoni u mhux ta' rikors ġuramentat.

Ma hemmx għalfejn jiġi ribadit fil-fond illi "*r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-każi stabbiliti fil-liġi, u dawn il-każi huma tassattivi*", (Salvino Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Settembru, 2004) u li dan l-istitut huwa governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII-i-818). "*Ma jistax jiġi permess li taħt il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk jiġi indirettament kreat tribunal tat-tielet istanza.*" (Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' April, 1958).

Il-fatti li taw lok għall-kawża huma ampjament spjegati fiċ-ċitazzjoni; in ri-assunt pero' l-konvenut fetaħ kawża ta' separazzjoni kontra l-attriċi li tgħix barra minn Malta; għalhekk il-kawża saret kontra kuraturi deputati wara li nnotifikaw lill-Avukat Dottor Claire Zammit Stafrace bil-bandu, u dan *nonostante* l-fatt li ma hemm ebda kontestazzjoni li l-istess Dottor Stafrace ma kellha ebda konnessjoni ma' l-attriċi; dan sar sempliċement a tenur tal-Kodiċi tal-Proċedura (Artiklu 931) biex ikunu jistgħu jinħatru kuraturi deputati. Il-Qorti ġieli kellha okkażjoni f'kawżi oħra biex tiddikjara li tħoss li dan l-atteġġjament huwa deplorevoli u għandu jinqata'. Huwa minnu li xi drabi min jiftaħ kawża jkollu diffikulta` li jsib xi membru tal-familja jew ħabib tal-konvenut biex jinnotifikah bil-bandu, iżda dan ma jiġġustifikax dan l-atteġġjament ta' "*kollox jgħaddi*" meta *si tratta* ta' notifika ta' att ġudizzjarju.

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ġiet sorvolata permezz tas-sentenza fuq imsemmija.

Il-Qorti għalhekk l-ewwel trid tinvestiga jekk tiskontrax qerq *ai termini* ta' l-Artiklu 811 (a) fuq imsemmi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Jannar, 2001 fil-kawża fl-ismijiet Edgar Vella vs Joseph R Grech qalet illi:

"*Dan id-dover m'huwiex faċli għaliex il-ġurisprudenza fir-rigward hija pjuttost skarsa għal dak li jirrigwarda l-kunċett*

ta' 'qerq' li hija traduzzjoni fil-lingwa Maltija tal-kelma 'dolo' fit-test oriġinali bit-Taljan kemm fl-edizzjoni oriġinali ta' l-1854 kif ukoll fl-emendi sussegwenti li saru fl-1850 u 1886. Fit-test fil-lingwa Ingliża ntużat il-kelma 'deceit' u għalhekk ukoll 'qerq' tfisser 'ingann'." Għalhekk per eżempju b'qerq il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 1942 fl-ismijiet Pisani *utrimque* kitbet mhux kwalunkwe '*dolo*' jew kwalunkwe ingann ta' parti kontra l-oħra u "*għalhekk dik l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti fil-kawża Meilaq vs Camilleri noe tas-17 ta' Mejju, 1989 kienet 'good law'. Loġikament l-ingann isir għad-dannu tal-parti l-oħra iżda hija l-Qorti li tiġi ingannata.*"

L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet Carmel Borg vs Henry Thake (deċiża fl-14 ta' Novembru, 1997) qalet illi:

"*Is-sub-inċiż (a) ta' l-Artiklu 811 ma jagħtix lok għal ritrattazzjoni fil-każ li jkun hemm frodi. Is-smigħ mill-ġdid jista' jiġi akkordat biss jekk is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq. Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu rriżultaw jew ma jkunux iridu jkunu relatati mal-mertu li pprovoka l-vertenza u li ġie trattat quddiem il-Qrati u minnhom deċiż imma jridu jkunu rriżultaw jew ikunu relatati mal-proċeduri deċiżi bis-sentenza appellata u bihom infiċċjata. Is-sub-inċiż jipprovdi għal smigħ mill-ġdid fil-każ fejn is-sentenza tkun ittieħdet b'qerq u mhux fejn il-pretensjoni ta' l-attur fit-talba tkun għal kreditu li oriġina minn aġir allegatament delittwuż jew qarrieqi tal-konvenut. Il-qerq allura jkun qerq ġudizzjarju, jiġifieri inerenti mal-proċeduri.*"

Żewġ sentenzi li daħlu fil-fond tal-problema kienu dawk ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża Edward Cassar vs Francis Sammut (12 ta' Frar, 2004) u tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża Michael Cutajar vs Roberta Muscat (12 ta' Mejju, 2003).

L-ewwel waħda qalet hekk fost affarijiet oħra:

"*Għar-rigward it-talba ta' ritrattazzjoni bbażata fuq qerq, tajjeb illi jingħad li oriġinarjament il-liġi kienet tippermetti ritrattazzjoni 'se vi e` stato dolo' mingħajr il-ħtieġa a' raggiri da parti f'kawża. Kien hemm il-biżgħa allura li dan*

il-paragrafu seta' jintuża f'każ ukoll ta' 'dolo reale, ossia in re ipse, e derivante dala lesion che venisse a soffrire col giudicao il soccombente nel caso di uno ingiustiza' u allura dak il-paragrafu ġie emendat biex jiġi ċarat li r-ritrattazzjoni tista' tintalab biss f'każ ta' dolo personale. (Ara Theuma Castelletti vs Chetcuti deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Jannar, 1873).

Dan ifisser li mhux kwalunkwe qerq jista' jwassal għar-ritrattazzjoni ta' kawża iżda hu meħtieġ illi dan ikun ipprattikat mill-parti l-oħra fil-kawża u s-sentenza ngħatat fuq ċirkostanzi li jirriżultaw minn dak il-qerq. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża Borg vs Thake (supra) qalet li biex titħassar sentenza fuq allegazzjoni ta' qerq irid jirriżulta li dak li jkun ġie impedut milli jressaq difiża għall-allegazzjoni tal-parti l-oħra, dan ifisser li l-qerq użat irid ikollu effett fuq id-deċiżjoni b'mod li s-sentenza kienet tingħata kif ingħatat li ma kienx għall-qerq użat.

Fil-kawża Bugeja nomine vs Kummissarju ta' l-Art deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar, 2002 intqal li mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-oħra jista' jagħti lok għar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, iżda meta minħabba raġġiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti avversarja dan ikun ġie mqiegħed fl-impossibbilta' ta' difiża ġusta u tajba (ara wkoll Vol. XXXI-1-231).

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeġġjat dan il-karattru bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza loġika li r-regoli li jiggovernawh huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII-i-818; Vol. XXVIII-i-584 u XXII-i-385). Diversament, taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk indirettament jinħoloq tribunal tat-tielet istanza.'

F'din il-kawża l-Qorti daħlet fil-kwistjoni tan-notifika ta' konvenut assenti minn Malta, iżda f'dan il-każ l-attur kien innotifika lid-difensur tal-konvenut illi pero' rrinunzja għall-patroċinju tiegħu billi ma baqax jagħmel kuntatt miegħu u naturalment m'aċċettax il bandu. Il-Qorti qalet li f'każ simili hu aċċettabbli li wieħed jinnotifika lill-Avukat li kellu xi

konnessjoni mal-konvenut, dejjem jekk ma jkunx jaf li hemm xi qarib jew ħabib *ai termini* ta' l-Artiklu 931 tal-Kapitlu 12. Il-Qorti skavat żewġ sentenzi antiki dwar dan il-punt u f'waħda minnhom Zammit vs Cachia Zammit (Vol. IX-335). Il-Qorti qalet li tali notifika tkun nulla jekk ir-rikorrenti meta hija magħrufa l-eżistenza ta' parenti viċini l-persuna in kwistjoni tinnotifika xi ħadd ieħor li ma jkunx konġunt, fl-oħra pero', Francica vs Mizzi il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi "*anche risultando che il retraente avvesse avuto cognizioni del esistenza in Malta di tali stretti parenti dovendo tale omissione cagionare tutt'al piu, la nullita' della sola notifica (VIXVIII-I-7).*"

Fis-sentenza l-oħra (Cutajar vs Muscat) il-Qorti ta' l-Appell qalet li "*l-qerq allura kellu jkun tali li jipprova li r-ritrattand mid-dritt li adegwatament jiddefendi ruħu fil-kawża. Kellu allura jkun tali li qabel xejn ma setax jiġi vverifikat u kkontrollat matul it-trattazzjoni tagħha. Dan għaliex tali verifika kellha ssir fiż-żmien proprju tal-proċess u cioe' meta jkunu qegħdin jinġabru l-provi. (Cutajar vs Cachia – Appell 19 ta' Mejju, 2000). L'omissione o l'insufficienza di difesa non e' per alcuno una giusta causa di ritrattazione. (Portelli vs Micallef – Qorti tal-Kummerċ, 16 ta' Novembru, 1933).*

Kif huwa ċar fil-kawża odjerna m'huwiex faċli li wieħed jasal għal deċiżjoni għaliex kif *gia'* indikat il-Qorti, il-mod kif il-konvenut aġixxa fil-bidu tal-kawża ma kienx wieħed limpidu u l-Qorti ma tistax ma tiċċensurax dan l-aġir. Madankollu bejn dan l-aġir u l-frodi hemm, kif ngħidu bil-Malti, baħar jaqsam. Wieħed iktar jirriskontra attitudni ta' *għaġla* da parti ta' l-avukat li kien jippatroċinah milli ħaġa oħra. Wieħed ma jistax jinsa l-fatt li filwaqt li l-attriċi kienet ilha żmien twil nieqsa minn Malta iżda matul mill-banda l-oħra fis-smigħ tal-provi rriżulta li għandha ħutha li jgħixu Malta u ċertament il-konvenut kien jaf bihom. Kollox ma' kollox, fil-fehma tal-Qorti ma hemmx biżżejjed elementi fil-provi li tressqu li l-konvenut ipprattika xi qerq biex ottjena s-sentenza.

Madankollu fir-rigward tal-lanjanza taħt is-sub-inċiż (b) ta' l-Artiklu 811 huwa ċar għall-Qorti li l-attriċi għandha raġun

tilmenta li ma ġietx notifikata. Kif anke ntqal fis-sentenzi Zammit vs Cachia Zammit u Francica vs Mizzi fuq imsemmija filwaqt li tali atteġjament ma jwassalx għall-fatt li ġew prattikati xi atti ta' qerq, notifika simili għal dik diskussa hija nulla speċjalment *in vista* tal-fatt li l-attriċi għandha familjari preżenti Malta u l-konvenut żgur kien jaf bihom fiċ-ċirkostanzi tal-każ billi l-partijiet huma miżżewġa. L-Artiklu 931(2) tal-Kapitlu 12 jgħid in fatti li "*kopja ta' dawn il-bandi flimkien ma' kopja ta' l-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha għandha tiġi notifikata lil wieħed mill-eqreb qraba tal-persuna li għandu jkollha kuratur li jidher għaliha u jekk ebda qarib ma jkun magħruf din il-kopja għandha tiġi notifikata lil xi ħadd ieħor magħruf bħala li hu jew kien ħabib tal-persuna li għandha interess.*"

Il-konvenut ressaq provi li wara li ngħatat is-sentenza l-partijiet kienu waslu biex jitransiġu u kollox kien lest biex isir il-kuntratt relattiv iżda għal xi raġuni l-attriċi reġa' bdielha. Dan pero' ma jwassalx biex jiġi dikjarat li hija pparteċipat fil-kawża kif jitlob is-sub-inċiż (b) ta' l-Artiklu 811 – dan in fatti jgħid eżattament "*jekk il-parti ma tkunx dehret fil-kawża.*" Jirriżulta ċar li l-attriċi qatt ma dehret fil-kawża u l-fatt li wara li saret taf bis-sentenza saru trattattivi biex tiġi evitata l-kawża odjerna ma jfissirx li hija dehret fil-kawża u kwindi dan il-fatt ma jtellifx lill-attriċi d-dritt li titlob smigħ ġdid a bażi tas-sub-inċiż (b).

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attriċi a bażi tas-sub-inċiż (b) ta' l-Artiklu 811, tiċħadha a bażi tas-sub-inċiż (a) imsemmi; tħassar is-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet indikati u tordna li l-kawża tinstema' mill-ġdid.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza għandhom iħallsuhom il-partijiet f'ishma ndaqs.

Moqrija.

< Sentenza In Parte >

----------TMIEM----------